



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Settembru 2017
(OR. en)

12307/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0220 (COD)

INST 345
POLGEN 122

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Settembru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 482 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 482 final.

Mehmuż: COM(2017) 482 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.9.2017
COM(2017) 482 final

2017/0220 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2017) 294 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) hija dritt minqax fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). L-Artikolu 11, para 4 tat-TUE jipprovdi li *"Ċittadini tal-Unjoni, li l-għadd tagħhom ma jkunx inqas minn miljun, li jkunu ċittadini ta' għadd sinifikanti mill-Istati Membri, jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tal-kompetenzi mogħtija lilha, sabiex tippreżenta kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-għall-implimentazzjoni tat-Trattati"*. Dan l-istrument għandu l-għan li jsaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea billi jippermettilhom li jitolbu direttament lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta għal att legali tal-Unjoni biex jiġu implimentati t-Trattati.

Skont l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), regoli u proċeduri dwar l-istrument tal-IĊE kienu stabbiliti mir-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini tas-16 ta' Frar 2011¹. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ f'April 2012. Il-qafas legali għall-IĊE huwa kkumplementat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi ta' għbir onlajn skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011².

Fl-ewwel rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament li ġie adottat fl-2015³, il-Kummissjoni elenkat għadd ta' sfidi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-ewwel tliet snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni impenjat ruħha li timplimenta numru ta' miżuri biex ittejjeb il-funzjonament tal-istrument tal-IĊE u sabiex tkompli tanalizza l-impatt ta' dawn l-isfidi. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni nediet bosta studji tekniċi tul dawn l-aħħar snin biex tanalizza dawn l-isfidi u l-kwistjonijiet bħalma huma s-sistemi ta' għbir onlajn għall-IĊE u s-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-data għall-firmatarji.

Wara l-adozzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni fl-2015, l-istrument tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej kienet soġġetta għal proċess ta' reviżjoni matul dawn l-aħħar sentejn. Istituzzjonijiet oħra tal-UE, korpi u partijiet interessati tas-soċjetà ċivili ivvalutaw u evalwaw ukoll l-istrument, li jidentifika n-nuqqasijiet fil-mod kif jaħdem l-istrument tal-IĊE u l-ostakoli li jiltaqgħu magħhom l-organizzaturi fit-tnedija ta' inizjattivi taċ-ċittadini. B'mod partikolari, ir-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65/1, 11.03.2011).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta' Novembru li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi tal-għbir onlajn skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini. (ĠU L 301/3, 18.11.2011).

³ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, COM(2015)145 final.

riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew⁴ identifikat numru ta' sfidi u talbet għar-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011, u għall-adozzjoni ta' sett ta' emendi biex jittejjeb il-mod li bih jiffunzjona l-istrument tal-IĊE.

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet interessati kisbu ukoll esperjenza fl-implimentazzjoni ta' dan l-istrument ta' demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-UE. Ir-rapport tal-Kummissjoni u l-kontributi rċevuti matul il-proċess ta' reviżjoni jikkonverġu fuq sett ta' oqsma ewlenin għat-titjib tal-mod kif l-IĊE qed tiġi implimentata u l-iffaċilitar tal-użu tagħha miċ-ċittadini. Filwaqt li diversi miżuri ttieħdu għal dak il-għan mill-Kummissjoni taħt il-qafas legali attwali, sett sostanzjali ta' punti ta' konġestjoni identifikati joħorġu mid-dispożizzjonijiet fir-Regolament u jistgħu jiġu indirizzati biss billi dan jiġi rivedut. Għaldaqstant, hija meħtieġa proposta leġiżlattiva.

L-għan ta' din il-proposta huwa li ttejjeb il-mod kif taħdem l-IĊE billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati matul dawn l-aħħar snin bl-għanijiet ewlenin li: (i) l-IĊE ssir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u s-sostenituri; u (ii) jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-IĊE bħala għodda biex jitrawwem id-dibattitu u l-parteċipazzjoni fil-livell Ewropew, inklużi ż-żgħażaġh u l-UE titressaq eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Sabiex tizzied il-leġittimità demokratika fl-UE permezz ta' aktar involviment u parteċipazzjoni taċ-ċittadini hija waħda mill-10 prijoritajiet tal-Kummissjoni (Prijorità nru 10 — Unjoni ta' Bidla Demokratika)⁵. Din il-proposta tikkontribwixxi direttament għal dan l-għan ta' prijorità billi l-IĊE ssir strument anqas ta' piż u aktar faċli għall-utenti sabiex din tkun tista' tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha bħala strument għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell Ewropew u biex tressaq lill-UE eqreb lejn iċ-ċittadini tagħha. Strument imtejjeb tal-IĊE jikkomplementa d-drittijiet politiċi li diġà jgawdu minnhom iċ-ċittadini tal-Unjoni, jiġifieri d-dritt li jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet municiċipali u tal-Parlament Ewropew⁶. Dan jestendi wkoll opportunitajiet għall-parteċipazzjoni fil-livell Ewropew fost iċ-ċittadini żgħażaġh.

Il-Kummissjoni implimentat, u tkompli timplimenta, sensiela ta' miżuri mhux leġiżlattivi biex tiffaċilita l-użu tal-istrument mill-organizzaturi u ċ-ċittadini. Dan jinkludi b'mod partikolari: (i) aktar appoġġ u assistenza għall-organizzaturi; (ii) titjib fil-fażi tar-reġistrazzjoni, inkluża l-possibbiltà ta' reġistrazzjoni parzjali tal-inizjattivi; (iii) l-ospitar fuq is-servers tal-Kummissjoni tas-sistemi ta' għbir onlajn għall-inizjattivi taċ-ċittadini; (iv) titjib fis-software għall-għbir onlajn għall-IĊE li jsir disponibbli wkoll għall-organizzaturi mingħajr ħlas; u (v) jiġi previst l-istabbiliment ta' pjattaforma kollaborattiva onlajn għall-IĊE. Madankollu, jeħtieġ li jsir aktar minn hekk biex jitjieb il-funzjonament tal-istrument sabiex jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.

⁴ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (P8_TA(2015)0382).

⁵ Jean-Claude Juncker, Bidu Ġdid għall-Ewropa: l-aġenda tiegħi għall-impjiegi, it-tkabbir, il-ġustizzja u t-tibdil demokratiku (linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss).

⁶ L-Artikoli 20(2)(b) u 22 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 39 u 40 u tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

It-titjib tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej huwa konsistenti ma' inizjattivi oħra tal-Kummissjoni, li jirrifletti l-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni Juncker, li jimmiraw li jsaħħu l-involviment u l-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fit-tfassil tal-politika tal-UE.

B'mod partikolari, l-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar⁷ iżżid l-opportunitajiet għaċ-ċittadini u l-partijiet interessati biex jikkontribwixxu għall-politiki tal-UE matul iċ-ċiklu tal-politika u tat-tfassil tal-liġijiet u ttejjeb il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni għal dan l-għan, filwaqt li l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati tkun magħmula element essenzjali tat-tħejjija tal-politika u r-reviżjoni. Fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-UE, il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-parteciġazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE hija wkoll wieħed mill-oġettivi ewlenin u oqsma għal azzjoni enfasizzat fit-tielet Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE ta' Jannar 2017⁸. Bl-istess mod, il-programmi 'Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza' u 'L-Ewropa għaċ-Ċittadini' għandhom ukoll l-għan li jrawmu ċ-ċittadinanza Ewropea u li jtejbju l-kundizzjonijiet għall-parteciġazzjoni ċivika u demokratika fil-livell tal-UE u jimplimentaw sett ta' azzjonijiet għal dan il-għan⁹. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Gvern Elettroniku 2016–2020¹⁰ għandu wkoll l-għan li jiffaċilita l-interazzjoni diġitali bejn l-amministrazzjonijiet u ċ-ċittadini/in-negozji għal servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta hija wkoll konsistenti għal kollox u kumpatibbli mal-politiki tal-Unjoni attwali. Ir-reviżjoni tar-Regolament taġġorna u ttejjeb numru ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fil-qafas legali tal-IĊE fid-dawl tal-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-UE minn mindu ġie adottat ir-Regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ġie adottat fl-2011.

Dan jinkludi, b'mod partikolari, ir-riforma tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/679 (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) fl-2016¹¹. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data japplika b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' data personali taħt ir-Regolament dwar l-IĊE mill-organizzaturi u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u jipprevedi responsabilitajiet speċifiċi li jipproteġu d-data personali miġbura għall-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini. Fl-istess ħin, il-proposta tiżgura l-applikabbiltà tar-[Regolament (KE) Nru 45/2001¹²] dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar - Aġenda tal-UE, COM(2015) 215.

⁸ Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE. It-tisħiħ tad-Drittijiet taċ-Ċittadini f'Unjoni ta' Tibdil Demokratiku.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62-72); Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perijodu 2014–2020 (ĠU L 115, 17.4.2014).

¹⁰ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, COM(2016)179 final.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1-88).

¹² Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1-22).

rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità li japplika għall-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament mill-Kummissjoni.

Bl-istess mod, għal dak li jirrigwarda r-regoli speċifiċi dwar IS-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali tal-IĊE, il-proposta tippermetti fost l-oħrajn li jittieħed inkonsiderazzjoni r-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern¹³. L-aċċelerazzjoni tal-adozzjoni tas-servizzi eIDAS, inkluż l-eID u l-eSignature hija wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016–2020¹⁴ fil-qafas tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa (DSM)¹⁵.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

• Il-bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Is-suġġett ta' dan ir-Regolament jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) peress li l-Unjoni biss tista' tadotta r-regoli u l-proċeduri li jirregolaw l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

• Proporzjonalità

Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea nilli ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet deskritti hawn fuq.

Il-proposta tipprevedi sett ta' bidliet għal titjib fl-implimentazzjoni tal-istrument tal-IĊE biex dan isir aktar aċċessibbli u aktar faċli biex jintuża għall-organizzaturi u ċ-ċittadini. Dan jinkludi miżuri relatati mal-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri, b'mod partikolari s-semplifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-data għall-firmatarji u t-titjib tal-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ onlajn permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' ġbir ċentrali għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

¹³ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73–114).

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni – Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Gvern elettroniku għall-2016-2020 Inħaffu t-trasformazzjoni diġitali tal-amministrazzjoni pubblika, COM(2016)179 final.

¹⁵ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa, COM(2015) 192 final.

Fiha wkoll aktar emendi limitati f'oqsma oħra bħal, pereżempju, iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġbir onlajn, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri u r-regoli dwar ir-responsabbiltà u l-pieni fejn il-proposta tħalli marġni ta' diskrezzjoni sabiex din tiġi implimentata f'konformità mal-liġi nazzjonali.

- **L-għażla tal-istrument**

L-Artikolu 24 TFUE jipprovdi bażi legali speċifika għall-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini u l-adozzjoni permezz ta' regolamenti tad-disposizzjonijiet għall-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini skont l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Regolament li jkollu applikazzjoni diretta biss jista' jipprovdi r-regoli u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' strument b'dimensjoni Ewropea u bħall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu l-għan li jemenda u jtejjeb ir-regoli u l-kundizzjonijiet eżistenti pprovdi mir-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini. Ir-reviżjoni toffri wkoll l-opportunità li tissimplifika l-istruttura attwali tar-Regolament biex titjeb iċ-ċarezza u l-konsistenza. Peress li l-emendi li għandhom isiru huma sostanzjali u jikkonċernaw dispożizzjonijiet fundamentali tar-Regolament eżistenti, dak l-att għandu, fl-interess ta' ċarezza għaċ-ċittadini u l-organizzaturi, jiġi mħassar u sostitwit.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex-post**

Biex tevalwa l-leġislazzjoni eżistenti u tidentifika titjib għal reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet interessati, ikkummissjonat numru ta' studji dwar kwistjonijiet speċifiċi, u rċeviet opinjoni mill-pjattaforma REFIT. Dan il-proċess huwa deskritt hawn taħt u ppreżentat fid-dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta. Abbażi ta' dan il-proċess, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' nuqqasijiet fir-Regolament li għandhom impatt fuq l-effikaċja u l-effiċjenza tal-istrument.

Il-problemi identifikati jistgħu jiġu strutturati madwar dawn it-tliet aspetti li ġejjin:

(i) id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-organizzaturi fil-fażi tar-reġistrazzjoni inkluż ir-rata għolja ta' rifjuti għar-reġistrazzjoni tal-inizjattivi proposti taċ-ċittadini;

(ii) il-kumplessità għall-organizzaturi ta' inizjattivi li jiġbru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, kif muri mir-rata baxxa ta' inizjattivi ta' suċċess, jiġifieri inizjattivi li jirnexxielhom jilhq u għadd meħtieġ ta' firmatarji fi żmien il-perjodu tal-ġbir ta' sena;

(iii) l-għadd baxx ta' inizjattivi li jilhq u l-limitu ta' miljun u l-impatt limitat li s'issa kien iġġenerat minn inizjattivi taċ-ċittadini.

Diversi regoli attwalment previsti fir-Regolament tal-IĊE huma kkunsidrati lkumplessi u ta' piż għall-organizzaturi tal-IĊE, il-firmatarji u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Dan jinkludi b'mod partikolari: (i) il-fażi tar-reġistrazzjoni; (ii) iċ-ċiklu ta' haġja tal-IĊE u limiti ta' żmien; (iii) it-twaqqif ta' sistemi ta' ġbir onlajn u ċ-ċertifikazzjoni ta' dawn is-sistemi mill-

Istati Membri; (iv) ir-rekwiżiti diverġenti dwar id-data personali għall-firmatarji tal-IĊE; u (v) il-fatt li d-data personali hija miġbura taħt ir-responsabbiltà tal-organizzaturi. Bosta partijiet interessati jqisu li l-impatt u s-segwitu li ngħata lill-ewwel tliet inizjattivi ta' suċċess s'issa kien limitat.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati mwettqa fuq ir-Regolament dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej kellha żewġ fażijiet:

- l-ewwel fażi (2015 sa Marzu 2017) bdiet bir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-IĊE. Din il-fażi kellha l-għan li tiġbor il-fehmiet dwar ir-Regolament u dwar kif jista' jitjieb l-istrument, taħt il-qafas legali eżistenti u wkoll jekk dan ir-Regolament jiġi rivedut. Diversi konsultazzjonijiet immirati tal-partijiet interessati saru bħala parti mill-azzjonijiet ta' evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra bħall-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta jipprovd i aktar informazzjoni dettaljata dwar dawn il-konsultazzjonijiet u evalwazzjonijiet.

- it-tieni fażi bniet fuq ir-riżultati tal-ewwel fażi u ffukat fuq il-ġbir ta' kontribuzzjonijiet dwar is-suġġerimenti għal titjib u l-għażliet għar-reviżjoni tar-Regolament, notevolment permezz ta' konsultazzjoni pubblika ta' 12-il ġimgħa.

Il-konsultazzjoni pubblika fittxet opinjonijiet dwar evalwazzjoni ġenerali tal-qafas attwali u l-istrument tal-IĊE u dwar l-għażliet għat-titjib kif ukoll fuq elementi aktar speċifiċi raggruppati fil-fażijiet prinċipali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-IĊE: (i) fażi ta' thejjiġa; (ii) reġistrazzjoni ta' inizjattiva; (iii) ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ; (iv) preżentazzjoni lill-Kummissjoni u s-segwitu; u (v) it-trasparenza u s-sensibilizzazzjoni. Il-Kummissjoni rċeviet 5.323 tweġiba, 98 % miċ-ċittadini.

B'mod ġenerali, il-kontribuzzjonijiet inġabru minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, b'mod partikolari miċ-ċittadini (firmatarji/firmatarji potenzjali), organizzaturi tal-IĊE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili iżda wkoll l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, riċerkaturi (entitajiet akkademiċi jew grupp ta' riflessjoni), awtoritajiet pubbliċi li jimmaniġġjaw strumenti ta' parteċipazzjoni simili, fornituri ta' hosting u software, awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fl-Istati Membri. Meta l-Kummissjoni analizzat u ġabret fil-qosor l-informazzjoni miġbura, tat attenzjoni partikolari lill-kontribuzzjonijiet miċ-ċittadini, l-organizzaturi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili minħabba li dawn huma l-utenti ewlenin tal-istrument. Ir-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati huma miġburin fil-qosor f'rapport fil-qosor anness mad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta.

Is-suġġerimenti li ġejjin li jirriżultaw mill-proċess ta' konsultazzjoni ġew introdotti fil-proposta:

- Titjib fil-proċedura tar-reġistrazzjoni inkluża l-possibiltà li wieħed jirreġistra inizjattivi parzjalment.
- Servizz ta' helpdesk mill-Kummissjoni u pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn għall-IĊE li tipprovd i forum għal diskussjoni u pariri u appoġġ għall-organizzaturi.
- Sistema ta' ġbir onlajn ċentrali stabbilita u mmexxija mill-Kummissjoni;

- Ir-rekwiżiti tad-data tal-firmatarji huma simplifikati u se jkun possibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE li jagħtu l-appoġġ tagħhom abbażi taċ-ċittadinanza tagħhom;
- L-età minima għall-firmatarji hija stabbilita għal 16-il sena;
- L-organizzaturi jistgħu jagħżlu d-data tal-bidu tal-kampanja ta' għbir;
- Il-possibbiltà għall-firmatarji li jinżammu infurmati b'email.

Ċerti suġġerimenti ma ġewx ikkunsidrati ulterjorment minħabba li ġew ikkunsidrati jew inqas effettivi jew inqas effiċjenti minn oħrajn jew minħabba li ma kinux legalment possibbli. Spjegazzjonijiet dettaljati huma pprovduti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta.

• **Għbir u użu ta' għarfien espert**

Il-Kummissjoni serrħet fuq il-kontribuzzjonijiet esterni li ġejjin:

Rakkomandazzjonijiet minn istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE, b'mod partikolari r-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll għadd ta' studji speċifiċi pprovdew kontribut għall-proċess ta' rieżami¹⁶.

Erba' studji speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li tnedew mill-Kummissjoni¹⁷:

- Valutazzjoni tal-impatti tal-ICT tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadin.

- Studju dwar l-użu tal-Identifikazzjoni Elettronika (eID) għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

- Studju dwar ir-rekwiżiti tad-data għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

- Studju dwar is-sistemi ta' għbir onlajn u speċifikazzjoni teknika skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011.

Barra minn hekk, għall-proċess tar-rieżami taw il-kontribut tagħhom bosta studji oħrajn. Dawn l-istudji huma elenkati fl-Anness 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta.

Ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-IĊE ġiet diskussa wkoll fil-qafas tal-Grupp Espert dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti minn awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri, li pprova wkoll input għall-proċess ta' reviżjoni, inklużi b'mod partikolari l-kontributi speċifiċi mressqa minn diversi delegazzjonijiet¹⁸.

¹⁶ Dan jinkludi b'mod partikolari: żewġ studji tal-Parlament Ewropew "L-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej — L-ewwel tagħlimiet tal-implimentazzjoni" u l-"Implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej"; l-inkjesta b'inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej; il-konkluzzjonijiet ta' "ECI Days" ta' April 2015 u l-20 ta' April 2016; l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' Ottubru 2015; ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Ottubru 2015; l-Opinjoni tal-Pjattaforma REFIT ta' Ġunju 2016; u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' Lulju 2016.

¹⁷ <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/regulation-review>

¹⁸ <http://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/legislative-framework?lg=mt>

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura istituzzjonali tagħha, ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 m'għandha l-ebda impatti diretti ekonomiċi, soċjali jew ambjentali sinifikanti, u valutazzjoni tal-impatt ma kinitx meqjusa bħala meħtieġa. Miżuri tekniċi u prattiċi biex jissimplifikaw l-IĊE, madankollu, jistgħu jkunu mistennija li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għal kemm l-organizzaturi kif ukoll l-Istati Membri. L-alternattivi differenti għat-titjib tal-IĊE ġew evalwati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta kif ukoll f'għadd ta' studji speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-pjattaforma REFIT adottat opinjoni dwar l-IĊE f'Ġunju 2016¹⁹, u identifikat għadd ta' modi li bihom tista' tiġi simplifikata, b'mod partikolari: (i) titjib fil-fażi tar-reġistrazzjoni u pariri u appoġġ għall-organizzaturi; (ii) simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tad-data għall-firmatarji; (iii) miżuri li jissimplifikaw il-kumitat taċ-ċittadini u jnaqqsu r-responsabbiltà tal-organizzaturi; (iv) skeda ta' żmien tal-IĊE u data tal-bidu tal-perjodu ta' ġbir ta' 12-il xahar; (v) titjib tas-sistemi ta' ġbir onlajn; u (vi) jissaħħu l-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-IĊE.

Il-proposta tinkludi titjib f'ddawn l-oqsma kollha u tinkludi sensiela ta' dispożizzjonijiet speċifikament konformi mar-rakkomandazzjonijiet ta' din l-opinjoni, kif spjegat f'aktar dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-proposta.

- Barra minn hekk, diversi dispożizzjonijiet tal-proposta se jippermettu titjib fl-effettività, l-effiċjenza u l-iffrankar f'diversi oqsma bħalma huma l-ġbir onlajn, traduzzjonijiet, formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, u sottomissjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri. L-enfasi ntefġhet fuq li l-istrument isir aktar aċċessibbli u ta' inqas piż u spiża għall-organizzaturi u għall-firmatarji iżda wkoll fuq xi tħassib dwar l-effiċjenza u l-iffrankar għall-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. **Id-drittijiet fundamentali**

Il-proposta tqis bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha, li jiddikjara li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tagħha.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji speċifiċi tal-proposta huma relatati ma' għadd ta' sistemi onlajn għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej li l-Kummissjoni se tistabbilixxi u tagħmel disponibbli mingħajr ħlas għaċ-ċittadini u l-organizzaturi. B'mod partikolari, il-proposta tipprevedi l-istabbiliment, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tal-għodod onlajn li ġejjin: Ir-reġistru uffiċjali għall-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini (l-Artikolu 4); il-pjattaforma kollaborattiva għal parir u appoġġ liċ-ċittadini u l-organizzaturi (l-Artikolu 4); u s-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għall-IĊE (l-Artikolu 10).

Id-“Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva”, li takkumpanja l-proposta, tagħti valutazzjoni dettaljata dwar l-implikazzjonijiet baġitarji u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa għall-

¹⁹ https://ec.europa.eu/info/files/refit-platform-recommendations-european-citizen-initiative_en

implimentazzjoni ta' dawn is-sistemi u servizzi li jgħinu biex titjeb l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta tipprevedi li l-Kummissjoni se teżamina mill-ġdid il-funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej b'mod perjodiku u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif qed tiġi applikata sa mhux aktar tard minn ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tagħha u kull ħames snin wara dan. Dawn ir-rapporti se jkunu pubbliċi.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Ma japplikax

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini jipprevedi proċeduri u kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Din il-proposta tipprevedi għadd ta' titjeb sabiex l-IĊE tkun iktar aċċessibbli u inqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u sostenituri; u biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-IĊE bħala għodda biex jitravmu d-dibattitu u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell Ewropew u l-UE titressaq eqreb taċ-ċittadini tagħha.

Kapitolu 1 – Dispożizzjonijiet Ġenerali

L-Artikolu 1 jistipula l-ambitu tar-Regolament.

L-Artikolu 2 jistipula d-dritt ta' kull ċittadin tal-Unjoni li jkollu tal-inqas 16-il sena li jappoġġja inizjattiva billi jiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ skont dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3 jipprevedi l-għadd meħtieġ ta' firmatarji għal inizjattiva valida inkluż b'mod partikolari l-appoġġ ta' mill-inqas miljun firma f'mill-inqas kwart tal-Istati Membri. Jispeċifika wkoll ir-rekwiżit li jinkiseb f'tal-anqas kwart tal-Istati Membri n-numru minimu ta' firmatarji stabbilit fl-Anness I li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat b'750.

L-Artikolu 4 jelenka miżuri li jipprovdu tagħrif u għajnuna lill-organizzaturi ta' inizjattivi mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Dan jibni fuq miżuri eżistenti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, inkluż, b'mod partikolari, informazzjoni u assistenza u r-reġistru uffiċjali tal-IĊE miżmum mill-Kummissjoni. Dan jintroduċi wkoll l-obbligu li ssir disponibbli pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn għall-IĊE li tipprovdi forum ta' diskussjoni kif ukoll informazzjoni u pariri għall-organizzaturi, appoġġ għall-organizzaturi fir-rigward tat-traduzzjoni tal-elementi prinċipali tal-inizjattivi tagħhom fil-lingwi uffiċjali kollha, u informazzjoni u miżuri ta' assistenza biex jiġu implimentati mill-Istati Membri sabiex jiżguraw il-prossimità maċ-ċittadini.

Kapitolu 2 – Dispożizzjonijiet proċedurali

L-Artikolu 5 jipprevedi rekwiżiti għall-organizzaturi ta' inizjattivi, inkluż il-ħolqien, il-kompożizzjoni u r-responsabbiltajiet tal-grupp ta' organizzaturi magħmul minn mill-inqas seba' ċittadini tal-Unjoni li jistgħu jivvotaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u residenti f'tal-anqas seba' Stati Membri. Dan jintroduċi wkoll il-possibbiltà għal entità legali maħluqa għall-fini tal-ġestjoni ta' inizjattiva li tiġi kkunsidrata bħala l-grupp ta' organizzaturi għall-finijiet tar-Regolament. Dan l-Artikolu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jiċċaraw il-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-grupp tal-organizzaturi. Filwaqt li r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali tibqa' rregolata taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, dan l-Artikolu jipprevedi li l-grupp ta' organizzaturi għandhom ikunu responsabbli *in solidum* għal kwalunkwe dannu kkawżat fl-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-proċedura u l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' inizjattivi mill-Kummissjoni. Huwa jipprovdi li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinġabru biss wara li inizjattiva tkun ġiet irreġistrata u jistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni jew għaċ-ċaħda ta' inizjattivi. Dan jintroduċi wkoll il-possibbiltà ta' reġistrazzjoni parzjali ta' inizjattivi f'każijiet fejn parti(jiet) ta' inizjattivi, inklużi l-oġettivi prinċipali tagħhom, ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati.

L-Artikolu 7 jipprevedi d-dritt ta' grupp ta' organizzaturi li jirtiraw inizjattiva li ġiet reġistrata f'kull ħin qabel ma tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita mir-Regolament.

L-Artikolu 8 jistipula l-limiti ta' żmien tal-perjodu biex jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, inkluż id-dritt tal-organizzaturi li jagħżlu d-data tal-bidu tal-perjodu ta' ġbir, fi żmien tliet xhur mir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva, u t-tul ta' żmien massimu ta' 12-il xahar għall-perjodu tal-ġbir.

L-Artikolu 9 jipprevedi l-proċedura u l-kundizzjonijiet għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dan jiċċara li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għall-inizjattivi jistgħu jiġu miġbura b'mod elettroniku jew f'għamla stampata u li jistgħu jintużaw biss formoli li jikkonformaw mal-mudelli stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament biex jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Persuna li tiffirmadikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tkun meħtieġa tipprovdi biss id-data personali stabbilita fl-Anness III. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk jixtiequx jiġu inklużi fil-Parti A jew B tal-Anness III qabel l-1 ta' Lulju 2019. Dan jintroduċi l-possibbiltà għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jappoġġaw inizjattiva onlajn permezz tas-sistema ċentrali onlajn tal-ġbir imsemmija fl-Artikolu 10 bl-użu tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati tagħhom fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Dan jistipula wkoll li persuna tista' tiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ darba biss.

L-Artikolu 10 jintroduċi r-rekwiżit għall-Kummissjoni li tistabbilixxi u topera bażi ċentrali tas-sistema ta' ġbir onlajn disponibbli bla ħlas għall-organizzaturi ta' inizjattivi reġistrati u sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ għall-inizjattivi onlajn. Dan jispeċifika li s-sistema għandha tkun stabbilita u mmexxija skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 dwar is-sigurtà tas-sistemi tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea. Dan jipprevedi wkoll il-possibbiltà għaċ-ċittadini li jużaw is-sistema ċentrali onlajn ta' ġbir għall-IĊE imsemmija fl-Artikolu 10 biex jiprovdu appoġġ għal inizjattivi permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ permezz tal-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikata jew jiffirmaw b'firma elettronika fit-tifsira tar-

Regolament (UE) Nru 910/2014 u jistipula l-obbligi korrispondenti tal-Istati Membri f'dan ir-rigward.

L-Artikolu 11 jistipula l-possibbiltà għall-organizzaturi li jwaqqfu s-sistemi individwali ta' għbir onlajn tagħhom, il-karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà għal dawn is-sistemi u l-proċedura għall-verifika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri. Tali verifika għandha tkun mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali skont ir-Regolament (UE) 2016/679. Huwa jibni fuq il-kundizzjonijiet skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 u jipprovdi għall-adozzjoni, sal-1 ta' Jannar 2020, ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' għbir onlajn individwali filwaqt li jissostitwixxi r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 attwali.

L-Artikolu 12 jipprovdi li kull Stat Membru għandu jivverifika u jiċċertifika d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati miċ-ċittadini tiegħu. Dan jiċċara l-kundizzjonijiet ta' verifika mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-ħruġ ta' ċertifikat minn dawn l-awtoritajiet li jindika l-għadd ta' firem validi miġbura f'kull Stat Membru.

L-Artikolu 13 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni ta' inizjattivi lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 14 jistipula l-pubblikazzjoni u l-fażi ta' smiġh pubbliku għal inizjattivi sottomessi lill-Kummissjoni u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għal smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-inizjattiva mill-organizzaturi. Dan itejjeb ukoll ir-rekwiżiti għall-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati u rappreżentanza bilanċjata tal-interessi pubbliċi u privati rilevanti waqt is-seduta, organizzat b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew. Huwa jipprevedi wkoll ir-rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni f'livell xieraq, kif ukoll l-opportunità għar-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-korpi konsultattivi li jieħdu sehem fis-smiġh.

L-Artikolu 15 jipprevedi proċedura għall-eżami u r-rispons għal inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej mill-Kummissjoni, inkluż ir-rekwiżit li l-Kummissjoni tirċievi l-grupp ta' organizzaturi fil-livell xieraq kif ukoll biex tistabbilixxi f'Komunikazzjoni l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjonijiet li beħsiebha tiegħu, u r-raġunijiet għalfejn se tiegħu jew mhux se tiegħu azzjoni. Dan jestendi wkoll il-perjodu ta' żmien ta' din il-fażi minn tliet xhur skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 sa ħames xhur u jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar in-notifika tar-rispons tal-Kummissjoni lill-istituzzjonijiet u korpi konsultattivi oħra tal-Unjoni kif ukoll il-possibbiltà li jiġu infurmati l-firmatarji u ċ-ċittadini fuq ir-rispons mogħti lill-inizjattivi.

Kapitolu 3 – Dispożizzjonijiet oħrajn

L-Artikolu 16 jistabbilixxi rekwiżiti ta' trasparenza rigward is-sorsi ta' appoġġ u finanzjament għal inizjattivi matul il-proċedura u fiż-żmien tas-sottomissjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 13.

L-Artikolu 17 jipprovdi għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni dwar l-IĊE li għandha twettaq il-Kummissjoni, kif ukoll għall-possibbiltà li l-organizzaturi u l-Kummissjoni jiġbru emails mill-firmatarji għal skopijiet ta' komunikazzjoni, fejn is-suġġett tad-data jkun ta' l-kunsens biex isir l-ipproċessar tad-data personali tiegħu jew tagħha għal tali skopijiet speċifiċi u f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data.

L-Artikolu 18 jistipula li r-Regolament (UE) 2016/679 japplika għall-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant tal-grupp tal-organizzaturi, jew skont kif ikun il-każ, l-entità legali maħluqa għall-finijiet ta' ġestjoni tal-inizjattiva, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma responsabbli għall-ipproċessar tad-data fit-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679. Dan jipprovdi wkoll għal sett r-reqwiżiti għall-protezzjoni tad-data personali, inklużi l-limiti ta' żmien biex teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-grupp ta' organizzaturi, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.

L-Artikolu 19 jistipula n-nomina tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex iwettqu l-kompiti stipulati minn dan ir-Regolament u l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni fir-reġistru.

L-Artikolu 20 jipprevedi obbligu għall-Istati Membri biex jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet speċifiċi adottati sabiex jiġi implimentat ir-Regolament għall-finijiet ta' publikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-reġistru.

KAPITOLU IX – ATTI DELEGATI U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

L-Artikolu 21 jistabbilixxi kumitat, skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, għall-fini tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(5) dwar l-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet tekniċi għal sistemi ta' ġbir onlajn individwali għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati li jikkonċernaw emendi għall-Anness V ta' dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 23 jipprovdi l-konferiment lill-Kummissjoni tas-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' żmien indeterminat għall-fini li temenda l-annessi għar-Regolament u l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju u revoka tad-delegazzjoni ta' setgħat stabbiliti mir-Regolament.

Kapitolu 5 Dispożizzjonijiet finali

L-Artikolu 24 fih klawsola standard dwar ir-reviżjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament u l-preżentazzjoni ta' rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill mhux aktar tard minn ħames snin mid-data li fiha r-Regolament isir applikabbli u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem.

L-Artikolu 25 jipprevedi t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 u jipprovdi li r-riferimenti għall-istrument mħassar għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 26 fih klawsola standard għad-dħul fis-seħħ u applikabbiltà, inkluża fażi ta' tranżizzjoni li ttipprovdi li r-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020, minbarra l-Artikoli 9(4), 10, 11(5), 18 u 19–24 li għandhom jibdeu japplikaw mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att legiſlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, inter alia, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Dik il-proċedura tagħti liċ-ċittadini l-possibbiltà li l-Kummissjoni tiġi avviċinata direttament b'talba li fiha jistednuha tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan tal-implimentazzjoni tat-Trattati b'mod simili għad-dritt mogħti lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u lill-Kunsill skont l-Artikolu 241 TFUE.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ li jistabbilixxi r-regoli u l-proċeduri għal inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini u ġie

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

³ Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1).

kkumplimentat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011⁴.

- (3) Fir-rapport tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 ta' Marzu 2015⁵, il-Kummissjoni elenkat għadd ta' sfidi li jinqalgħu fl-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament u impenjat ruħha li tanalizza iżjed l-impatt ta' dawk il-kwistjonijiet dwar l-effettività tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u biex jittejjeb il-funzjonament tiegħu.
- (4) Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tat-28 ta' Ottubru 2015⁶ talab lill-Kummissjoni biex tirrevedi r-Regolament (UE) Nru 211/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011.
- (5) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jagħmel l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u l-partitarji, sabiex jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħala għodda biex tteġġeg id-dibattitu u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni, u biex tqarreb l-Unjoni u ċ-ċittadini tagħha.
- (6) Sabiex jintlaħqu dawk l-oġettivi, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva Ewropej taċ-ċittadini għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura ta' dan l-istrument. Huma għandhom jilhq u bilanċ għaqli bejn id-drittijiet u l-obbligi.
- (7) Huwa xieraq li tiġi ffixxata età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva u biex trawwem il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni, speċjalment fost iż-żgħażaġh Ewropej, dik l-età għandha tkun ta' 16-il sena.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 11(4) tat-TUE inizjattiva li tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tas-setgħat tagħha, tissottometti kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati, għandha tittieħed minn mhux anqas minn miljun ċittadin li huma ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri.
- (9) Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini tkun rappreżentattiva ta' interess tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-istrument jibqa' faċli li jintuża, dak in-numru għandu jkun stabbilit għal kwart tal-Istati Membri.
- (10) Sabiex ikun żgurat li inizjattiva tkun rappreżentattiva u biex jiġi żgurati kundizzjonijiet simili għaċ-ċittadini biex jappoġġjaw inizjattiva, huwa xieraq ukoll li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' firmatarji li ġejjin minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri. In-numru minimu ta' firmatarji meħtieġ f'kull Stat Membru għandu

⁴ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1179/2011 tas-17 ta' Novembru li jistipula l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistemi tal-ġbir onlajn skont ir-Regolament (UE) Nru 211/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.

⁵ COM(2015)145 finali.

⁶ 2014/2257(INI))

jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat b'750.

- (11) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu jkollu d-dritt li jappoġġja inizzjattiva f'forma stampata jew onlajn, b'kundizzjonijiet simili irrispettivament mill-Istat Membru ta' nazzjonalità jew ta' residenza.
- (12) Filwaqt li data personali pproċessata skont dan ir-Regolament tista' tinkludi data personali sensittiva, minħabba n-natura tal-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva, huwa ġġustifikat li jkun jinħtieġ l-għoti ta' data personali li tappoġġja inizzjattiva u l-ipproċessar ta' tali data sa fejn huwa meħtieġ sabiex ikun permess li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ikunu verifikati f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.
- (13) Sabiex l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej tkun aktar aċċessibbli u biex jingħata appoġġ liċ-ċittadini u l-organizzaturi, il-Kummissjoni għandha tagħti tagħrif u għajnuna lill-organizzaturi u tagħmel disponibbli pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn dedikata biex tipprovdi forum ta' diskussjoni u ta' informazzjoni u pariri dwar l-inizzjattiva Ewropea taċ-ċittadini. Sabiex tiġi żgurata l-prossimità lejn iċ-ċittadini, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt wieħed jew aktar fit-territorji rispettivi tagħhom biex jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni u assistenza dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (14) Hemm bżonn ta' struttura organizzata minima sabiex titwettaq b'suċċess inizzjattiva taċ-ċittadini. Dik għandha tieħu l-forma ta' kumitat taċ-ċittadini, magħmul minn persuni fiżiċi (organizzaturi) li jkunu ġejjin minn tal-anqas seba' Stati Membri differenti, sabiex jitħeġġeġ il-ħruġ ta' kwistjonijiet mal-Ewropa kollha u biex titrawwem ir-riflessjoni dwar dawk il-kwistjonijiet. Għal raġunijiet ta' trasparenza u komunikazzjoni bla xkiel u effiċjenti, il-kumitat taċ-ċittadini għandu jaħtar rappreżentanti biex jagħmlu kuntatt bejn il-kumitat taċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura sħiħa. Il-grupp tal-organizzaturi għandu jkollhom il-possibilità li joħlqu, skont il-liġi nazzjonali, entità legali li tamministra inizzjattiva. Dik l-entità legali għandha titqies bħala grupp ta' organizzaturi għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.
- (15) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizzjattivi u biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-firem jinġabru għal inizzjattiva li ma jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti mit-Trattati u dan ir-Regolament, inizzjattivi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament għandhom jiġu reġistrati mill-Kummissjoni qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini. Il-Kummissjoni għandha tittratta r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.
- (16) Sabiex l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, u b'kont meħud tal-fatt li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati, huwa xieraq li tiġi parzjalment irreġistrata inizzjattiva f'każijiet meta biss parti jew partijiet ta' inizzjattiva jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament. L-inizzjattivi għandhom ikunu rreġistrati parzjalment fejn parti sostanzjali mill-inizzjattiva, inklużi l-għanijiet prinċipali tagħha, ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tissottometti proposta għal att legali tal-Unjoni bil-għan li timplimenta

t-Trattati u r-rekwiżiti kollha l-oħra ta' reġistrazzjoni jkunu sodisfatti. Iċ-ċarezza u t-trasparenza għandhom jiġu żgurati fir-rigward tal-ambitu tar-reġistrazzjoni parzjali u l-firmatarji potenzjali għandhom ikunu infurmati dwar l-ambitu tar-reġistrazzjoni u fuq il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru biss fir-rigward tal-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.

- (17) Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva għandhom jinġabru f'perijodu ta' żmien speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattivi taċ-ċittadini proposti jibqgħu rilevanti, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni, dak il-perijodu ta' żmien m'għandux ikun itwal minn 12-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.
- (18) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u ċ-ċittadini, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm sistema ċentrali għall-ġbir onlajn tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dik is-sistema għandha tkun disponibbli bla ħlas lill-gruppi ta' organizzaturi u għandha tinkludi l-karattersitiċi tekniċi meħtieġa li jippermettu l-ġbir onlajn inkluż hosting u software kif ukoll karattersitiċi ta' aċċessibbiltà li jiżguraw li ċ-ċittadini b'diżabilità jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ għall-inizjattivi. Din is-sistema għandha tkun stabbilita u miżmuma skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46.⁷
- (19) Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jappoġġjaw l-inizjattivi permezz tal-internet jew f'forma stampata billi jipprovdu biss id-data personali stipulata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar jekk iridux jiġu inklużi fil-parti A jew B, rispettivament, tal-Anness III. Iċ-ċittadini li jużaw is-sistema ċentrali ta' ġbir onlajn għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu jistgħu jappoġġjaw inizjattiva permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati elettronicament bl-użu ta' identifikazzjoni elettronika u mezzi ta' firma elettronika. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimplimentaw l-karattersitiċi tekniċi rilevanti għal dan l-għan fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Iċ-ċittadini għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni ta' appoġġ darba biss.
- (20) Grupp ta' organizzaturi għandu jkollu l-possibbiltà li jistabbilixxi s-sistemi ta' ġbir onlajn tiegħu stess għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni u jiddeċiedi f'liema Stat Membru għandha tinħażen id-data miġbura għall-inizjattiva. Il-grupp ta' organizzaturi għandu juża sistema ta' ġbir onlajn individwali waħda għal kull inizjattiva. Is-sistemi individwali ta' ġbir onlajn imwaqqfa u mħaddma minn grupp ta' organizzaturi għandu jkollhom karattersitiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati sabiex jiżguraw li d-data tinġabar, tinħażen u tiġi trasferita b'mod sigur matul il-proċedura. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir onlajn. Il-Kummissjoni tista' titlob il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netzwerke u l-Infurmazzjoni (ENISA) li tassisti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mas-sigurtà tan-netwerk u s-sistemi ta' infurmazzjoni.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u infurmazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 257, 28.8.2014).

- (21) Huwa xieraq li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-sistemi ta' ġbir onlajn mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Iċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi ta' ġbir onlajn individwali għandha titwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn tinħażen id-data miġbura permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn individwali. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
- (22) Meta inizjattiva tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġa mill-firmatarji, kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati miċ-ċittadini tiegħu, sabiex jiġi vvalutat jekk l-għadd minimu ta' firmatarji meħtieġ li jkollhom id-dritt li jappoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intlaħaqx. Filwaqt li jittieħed kont tal-bżonn li jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, tali verifiki għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' kontrolli adatti, li jistgħu jkunu bbażati fuq teħid ta' kampjuni b'mod każwali. L-Istati Membri għandhom joħorġu dokument li jiċċertifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ li jinkisbu.
- (23) Sabiex jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-dibattitu pubbliku dwar il-kwistjonijiet imqajma permezz tal-inizjattivi, fejn inizjattiva appoġġjata mill-għadd meħtieġ ta' firmatarji u li tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni, il-grupp ta' organizzaturi għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw dik l-inizjattiva waqt seduta tas-smiġh pubblika fil-livell tal-Unjoni. Is-seduta ta' smiġh pubblika għandha tiġi organizzata b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-inizjattiva u tiġi żgurata rappreżentanza bilanċjata tal-interessi pubbliċi u privati rilevanti kif ukoll livell adegwat ta' rappreżentanza mill-Kummissjoni. Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi tal-Unjoni oħra kif ukoll partijiet interessati għandu jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem fis-smiġh.
- (24) Sabiex tkun żgurata l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha teżamina inizjattiva valida u twieġeb għaliha. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tistabbilixxi l-konklużjonijiet legali u politiċi tagħha kif ukoll l-azzjoni li biħsiebha tiegħu, fi żmien ħames xhur mill-wasla tal-inizjattiva. Il-Kummissjoni għandha tispjega b'mod ċar, li jinftehem u b'mod dettaljat ir-raġunijiet għall-azzjoni li tkun biħsiebha tiegħu, u għandha wkoll tagħti r-raġunijiet tagħha jekk ma tkun biħsiebha tiegħu l-ebda azzjoni.
- (25) L-appoġġ u l-finanzjament tal-inizjattivi għandhom ikunu trasparenti. Għalhekk gruppi tal-organizzaturi għandhom jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar is-sorsi ta' appoġġ u finanzjament għall-inizjattivi tagħhom bejn id-data ta' reġistrazzjoni u d-data li fiha l-inizjattiva tiġix sottomessa lill-Kummissjoni. L-entitajiet, l-aktar daww l-organizzazzjonijiet li skont it-Trattati jikkontribwixxu għat-trawwim ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni, għandhom ikunu jistgħu jippromwovu inizjattiva taċ-ċittadini, bil-kundizzjoni li dawn jagħmlu dan bi trasparenza sħiħa.

- (26) Ir-Regolament KE Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ għandhom japplikaw għall-ipproċessar tad-data personali mwettaq mill-ABE, AEAPX u AETS. F'dan ir-rigward, f'għieh iċ-ċertezza legali, huwa xieraq li jiġi ċċarat li r-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi, jew skont il-każ, l-entità legali maħluqa bl-iskop li titmexxa l-inizjattiva, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-kontrollur(i) tad-data skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679, u li jiġi speċifikat il-perjodu massimu li fih id-data personali miġbura għall-finijiet ta' inizjattiva tista' tinżamm. Fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri tad-data, ir-rappreżentanti tal-grupp tal-organizzaturi, jew skont kif ikun il-każ, l-entità legali maħluqa għall-finijiet ta' ġestjoni tal-inizjattiva, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jikkonformaw mal-obbligi imposti bir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari dawk dwar il-legalità tal-ipproċessar, is-sigurtà tal-attivitajiet ta' pproċessar, l-għoti ta' informazzjoni u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data.
- (27) Filwaqt li r-responsabbiltà u l-penali għall-ipproċessar ta' data personali jibqgħu rregolati skont ir-Regolament (UE) 2016/679, il-grupp ta' organizzaturi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u *in solidum*, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għal kwalunkwe ħsara li jikkawżaw fl-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-grupp ta' organizzaturi jkun soġġett għal penali xierqa għall-ksur ta' dan ir-Regolament.
- (28) [Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000¹⁰ japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettqa mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]
- (29) Sabiex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-parteeipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni, il-Kummissjoni u l-organizzaturi għandhom ikunu jistgħu jiġbru, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, l-indirizzi tal-posta elettronika ta' firmatarji għall-fini ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar inizjattiva, b'mod partikolari għall-iskop li jipprovdu informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu b'rispons għal inizjattiva. Il-ġabra ta' indirizzi tal-posta elettronika għandha tkun fakultattiva u suġġetta għall-kunsens ta' firmatarji. L-indirizzi tal-posta elettronika m'għandhomx jinġabru bħala parti mill-formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-firmatarji potenzjali għandhom ikunu infurmati li d-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva mhuwiex suġġett għall-fatt li jagħtu l-kunsens tagħhom biex jiġbru l-indirizz tal-email.
- (30) Sabiex isir adattament għall-ħtiġijiet tal-ġejjieni, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni għall-finijiet ta' emendar tal-Annessi ta' dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa

⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1-22).

matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jittwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ndaqs fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess waqt li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

- (31) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari biex jiġu speċifikati l-għadd ta' referenza ta' standards li l-użu tagħhom jirriżulta f'preżunzjoni ta' konformità ma' ċerti rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹.
- (32) Dan ir-Regolament iħares id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 19.
- (33) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u ċarezza, ir-Regolament (KE) Nru 211/2011 għandu jitħassar,
- (34) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u ta opinjoni fil-[...]¹²,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Is-sugġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għal inizzjattiva li tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tas-setgħat tagħha, biex tissottometti kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet fejn iċ-ċittadini tal-Unjoni jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati (minn hawn 'il quddiem "l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej" jew "inizzjattiva").

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13-18).

¹² ĠU C [...], [...], p. [...].

Artikolu 2

Id-dritt biex wieħed jappoġġja inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej

Kull ċittadin tal-Unjoni li jkollu tal-anqas 16-il sena għandu d-dritt li jappoġġja inizzjattiva billi jiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-għadd meħtieġ ta' firmatarji

1. Inizzjattiva hija valida jekk:

(a) irċeviet l-appoġġ ta' mill-inqas miljun firma minn mill-inqas kwart tal-Istati Membri.

(b) f'tal-anqas kwart tal-Istati Membri, in-numru ta' firmatarji huwa tal-inqas daqs in-numru minimu stabbilit fl-Anness I, li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat b' 750, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizzjattiva.

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1a firmatarju għandu jitqies fl-Istat Membru taċ-ċittadinanza tiegħu.

Artikolu 4

Informazzjoni u assistenza mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tipprovdi informazzjoni u assistenza dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej liċ-ċittadini u l-gruppi tal-organizzaturi.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli fuq l-internet pjattaforma kollaborattiva li tipprovdi liċ-ċittadini u l-gruppi ta' organizzaturi b'forum għad-diskussjoni u informazzjoni u pariri dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

L-ispejjeż għall-istabbiliment, it-tħaddim u ż-żamma ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli reġistru onlajn (ir-“reġistru”) li jippermetti gruppi ta' organizzaturi jimmaniġġjaw l-inizzjattiva tagħhom matul il-proċedura. Ir-reġistru għandu jinkludi websajt pubblika li tipprovdi informazzjoni dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali kif ukoll dwar inizzjattivi speċifiċi u l-istatus rispettiv tagħhom.

4. Wara li l-Kummissjoni tirreġistra inizzjattiva skont l-Artikolu 6, din għandha tipprovdi traduzzjoni tal-kontenut ta' dik l-inizzjattiva fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, għall-pubblikazzjoni tagħha fir-reġistru u l-użu tagħha għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'konformità ma' dan ir-Regolament. Grupp ta' organizzaturi jista', barra minn hekk, jipprovdi traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni tal-Anness għall-pubblikazzjoni

tiegħu fir-reġistru u, jekk ikun il-każ, tal-abbozz ta' att legali msemmi fl-Anness II u ppreżentat skont l-Artikolu 6(2).

5. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa servizz ta' skambju ta' fajls tal-UE għat-trasferiment ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 12 li jiggarantixxi l-kunfidenzjalità, l-integrità u l-awtentikazzjoni tat-trasferiment u jagħmilha disponibbli b'mod pubbliku u bla ħlas.

6. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punt ta' kuntatt wieħed jew aktar sabiex jipprovdu informazzjoni u assistenza lill-gruppi ta' organizzaturi fit-twaqqif ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

KAPITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

Artikolu 5

Grupp ta' organizzaturi

1. Inizjattiva għandha tiġi ppreparata u ġestita minn grupp ta' mill-inqas seba' persuni fiżiċi (il-“grupp ta' organizzaturi”). Il-membri tal-Parlament Ewropew ma għandhomx jgħoddu għall-finijiet ta' dak l-għadd minimu.

2. Il-membri tal-grupp tal-organizzaturi għandhom ikunu ċittadini tal-Unjoni, ta' età biżżejjed li jkunu intitolati biex jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u residenti f'tal-anqas seba' Stati Membri differenti.

3. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jaħtar tnejn mill-Membri tiegħu bħala, rispettivament, rappreżentant u sostitut, li għandhom jikkollaboraw bejniethom u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċess kollu u li għandu jkollhom mandat biex jaġixxu f'isem il-grupp ta' organizzaturi (il-“persuni ta' kuntatt”).

Il-grupp ta' organizzaturi jista' wkoll jinnomina massimu ta' żewġ persuni fiżiċi oħra, magħżula minn fost il-membri tiegħu jew b'xi mod ieħor, li huma awtorizzati biex jaġixxu f'isem persuni ta' kuntatt għall-finijiet ta' kuntatt mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha.

4. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinfurma lill-Kummissjoni b'kull tibdil fir-rigward tal-kompożizzjoni tiegħu matul il-proċedura kollha u għandu jipprovdi provi xierqa li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ikunu sodisfatti. Il-bidliet fil-kompożizzjoni ta' grupp ta' organizzaturi għandhom jiġu riflessi fil-formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-ismijiet tal-membri preżenti u passati tal-grupp ta' organizzaturi għandhom jibqgħu disponibbli fir-reġistru matul il-proċedura kollha.

Għal kull inizjattiva, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-ismijiet tal-membri kollha tal-grupp ta' organizzaturi fir-reġistru.

5. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' rappreżentant ta' grupp ta' organizzaturi bħala l-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 82(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-membri ta' grupp ta' organizzaturi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt u *in solidum*, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għal kwalunkwe ħsara kkawżata matul l-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja.

6. Mingħajr preġudizzju għall-penali taħt l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri ta' grupp ta' organizzaturi jkunu soġġetti għal pieni effettivi, proporzjonati u dissuażivi għal ksur ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari għal:

(a) dikjarazzjonijiet foloz;

(B) l-użu frodulentu tad-data.

7. Fejn entità legali ġiet maħluqa, skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru b'mod speċifiku għall-finijiet ta' ġestjoni ta' inizjattiva partikolari, dik l-entità legali għandha titqies bħala grupp ta' organizzaturi jew il-membri tiegħu, kif jista' jkun il-każ, għall-fini tal-paragrafi 5 u 6, l-Artikoli 6(2) u (4) sa (7) u l-Artikoli 7 sa 18 u l-Annessi II sa VII, sakemm membru tal-grupp tal-organizzaturi maħtur bħala r-rappreżentant tiegħu għandu s-setgħa jaġixxi f'isem l-entità legali.

Artikolu 6

Reġistrazzjoni

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva jistgħu jinġabru biss wara li l-inizjattiva tkun ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni.

2. Il-grupp ta' organizzaturi għandhom jissottomettu t-talba għal reġistrazzjoni lill-Kummissjoni permezz tar-reġistru.

Meta jippreżenta talba il-grupp ta' organizzaturi għandu wkoll:

(a) jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fl-Anness II, f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni;

(b) fejn huwa magħmul minn aktar minn 7 membri, jindika lil dawk is-seba' membri biex jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 5(1) u (2);

(c) skont kif ikun il-każ, jindika li entità legali nħolqot, skont l-Artikolu 5(7).

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 5 u 6, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar it-talba fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizjattiva jekk:

(a) il-grupp ta' organizzaturi pprovda provi biżżejjed li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) u jkun ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(3);

(b) fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(7), l-entità legali ġiet maħluqa bl-għan speċifiku li tiżgura l-ġestjoni ta' din l-inizjattiva u membru tal-grupp tal-organizzaturi maħtur bħala r-rappreżentant tiegħu jingħata s-setgħa li jaġixxi f'isem l-entità legali;

(c) l-ebda mill-partijiet tal-inizjattiva ma jaqgħu manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;

(d) li l-inizjattiva ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja;

(e) ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Jekk wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (e) ma jkunux sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta li tirreġistra inizjattiva, mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 5.

4. Fejn tqis li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3(a), (b), (d) u (e) huma sodisfatti iżda li r-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 3(c) mhux sodisfatt, il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahar minn meta titressaq it-talba, tgħarraf lill-grupp tal-organizzaturi bil-valutazzjoni tagħha u r-raġunijiet għaliha.

F'dak il-każ, il-grupp ta' organizzaturi jista' jew jemenda l-inizjattiva biex iqis il-valutazzjoni tal-Kummissjoni biex jiżgura li l-inizjattiva tkun konformi mar-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 3(c) jew iżomm jew jirtira l-inizjattiva inizjali. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-għażla tiegħu fi żmien xahar mill-wasla tal-evalwazzjoni tal-Kummissjoni u jaġhti r-raġunijiet tiegħu, u għandu, jekk ikun il-każ, jibgħat emendi fl-informazzjoni msemmija fl-Anness II biex jissostitwixxi l-ewwel inizjattiva.

Fejn il-Kummissjoni tirċievi l-informazzjoni mingħand l-organizzaturi, din għandha:

(a) tirreġistra l-inizjattiva, jekk tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 3(c);

(b) tirreġistra parzjalment l-inizjattiva jekk parti sostanzjali tal-inizjattiva, inklużi l-għanijiet ewlenin tagħha, ma tkunx taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;

(c) inkella tirrifjuta li tirreġistra l-inizjattiva.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fuq din it-talba fi żmien xahar mill-wasla tal-informazzjoni u, kif jista' jkun il-każ, fuq l-inizjattiva emendata mill-grupp ta' organizzaturi msemmija fit-tieni subparagrafu.

5. Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru.

Fejn il-Kummissjoni tirreġistra parzjalment inizjattiva:

(a) għandha tippubblika informazzjoni dwar l-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva fir-reġistru.

(b) il-grupp ta' organizzaturi għandu jiżgura li l-firmatarji potenzjali jiġu infurmati dwar l-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva u tal-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru biss f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistrazzjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizjattiva taħt numru ta' reġistrazzjoni uniku u tgħarraf lill-grupp ta' organizzaturi biha.

7. Fejn tirrifjuta li tirreġistra inizjattiva taċ-ċittadini proposta, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-organizzaturi bir-raġunijiet għal dan ir-rifjut u bir-rimedji ġuridiċi u extraġuridiċi kollha possibbli disponibbli għalihom.

8. Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Komitat tar-Reġjuni 'Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej'

Artikolu 7

Irtirar ta' inizjattiva

F'kull ħin qabel ma jippreżenta l-inizjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13, il-grupp ta' organizzaturi jista' jirtira inizjattiva li tkun ġiet reġistrata skont l-Artikolu 6. Dik l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fir-reġistru.

Artikolu 8

Il-perjodu ta' ġbir

1. Kull dikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tinġabar fi żmien perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar minn data magħżula mill-grupp tal-organizzaturi (il-“perjodu ta' ġbir”), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(6). Dik id-data m'għandhiex tkun aktar tard minn tliet xhur wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 6.

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-data magħżula mill-inqas 10 ijiem tax-xogħol qabel dik id-data.

Fejn il-grupp ta' organizzaturi jixtieq itemm il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 12-il xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-data li fiha se jispiċċa l-perjodu tal-ġbir.

2. Il-Kummissjoni għandha tindika l-bidu u t-tmiem tal-perjodu tal-ġbir fir-reġistru.

3. Il-Kummissjoni jew il-grupp ta' organizzaturi, skont kif ikun il-każ, għandha tagħlaq l-operazzjoni tas-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali skont l-Artikolu 10 jew ta' sistema ta' ġbir onlajn individwali skont l-Artikolu 11 fid-data li fiha jintemm il-perjodu ta' ġbir.

Artikolu 9

Proċeduri u kundizzjonijiet għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jiġu ffirmati onlajn jew f'forma stampata.
2. Jistgħu jintużaw biss formoli li jikkonformaw mal-mudelli stabbiliti fl-Anness III biex jiġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ.

L-organizzaturi għandhom jimlew il-formoli kif indikat fl-Anness III qabel ma jibda l-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji. L-informazzjoni mogħtija fil-formoli għandha tikkorrispondi għall-informazzjoni li hemm fir-reġistru.

Fejn il-grupp ta' organizzaturi jagħżel li jiġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ onlajn permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali prevista fl-Artikolu 10, il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli li tipprovdi formoli xierqa, skont l-Anness III.

Meta inizjattiva tkun ġiet parzjalment reġistrata skont l-Artikolu 6(4), il-formoli stabbiliti fl-Anness III kif ukoll is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali u s-sistema ta' ġbir onlajn individwali, skont kif ikun il-każ, għandha tirrifletti l-ambitu tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.

Il-mudelli għall-formoli tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jiġu adattati għall-għan tal-ġbir onlajn.

Meta ċ-ċittadini jappoġġaw inizjattiva onlajn permezz tas-sistema ċentrali ta' ġbir onlajn imsemmija fl-Artikolu 10, bl-użu tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 skont l-Artikolu 10 (4), l-Anness III m'għandux japplika. Iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jipprovdu n-nazzjonalità tagħhom u l-Istati Membri għandhom jaċċettaw is-sett minimu ta' data għal persuna fiżika skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501.

3. Persuna li tiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tkun meħtieġa li tipprovdi biss id-data personali mniżżla fl-Anness III.

4. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar jekk jixtiequx jiġu inklużi fil-parti A jew B, rispettivament, tal-Anness III qabel l-1 ta' Lulju 2019. L-Istati Membri li jixtiequ jiġu nklużi fil-parti B tal-Anness III, għandhom jindikaw it-tip(i) ta' numru (dokument) ta' identifikazzjoni personali li minnu l-firmatarji għandhom jipprovdu l-aħħar erba' ċifri.

Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-formoli stabbiliti fl-Anness III fir-reġistru.

L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex jiġu inklużi fil-parti l-oħra tal-Anness III, parti A jew B, rispettivament. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mill-inqas sitt xhur qabel id-data li fiha l-formoli ġodda għandhom ikunu applikabbli.

5. Il-grupp ta' organizzaturi għandhu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji f'forma stampata.

6. Persuna tista' tiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ għal inizjattiva darba biss.

7. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'kull Stat Membru mill-anqas kull xahrejn matul il-perjodu ta' ġbir u tal-għadd finali fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu ta' ġbir għall-pubblikazzjoni fir-reġistru.

Fejn l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ meħtieġ ma ntlaħaqx jew fin-nuqqas ta' tweġiba mill-grupp ta' organizzaturi fi żmien tliet xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' ġbir, il-Kummissjoni għandha tagħlaq l-inizjattiva u tippubblika avviż għal dak l-għan fir-reġistru.

Artikolu 10

Sistemi ta' ġbir onlajn

1. Għall-iskop tal-ġbir onlajn ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u topera, sal-1 ta' Jannar 2020, sistema ċentrali ta' ġbir onlajn, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017.

L-ispejjeż tal-istabbiliment u l-operat tas-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea. L-użu ta' sistemi ta' ġbir onlajn ċentrali għandu jkun bla ħlas.

Is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għandha tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

Id-data miksuba permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għandha tinħażen f'servers disponibbli mill-Kummissjoni għal dak l-għan.

Is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għandha tippermetti li jittellgħu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata.

2. Għal kull inizjattiva, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinġabru permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali matul il-perjodu ta' ġbir determinat skont l-Artikolu 8.

3. Fi żmien xahar wara r-reġistrazzjoni ta' inizjattiva, u mhux aktar tard minn 10 ijiem tax-xogħol qabel id-data tal-bidu tal-perjodu ta' ġbir, il-grupp ta' organizzaturi għandu jinfurma lill-Kummissjoni jekk jixtieqx juża s-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali u jekk jixtieqx ittella' d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'format ta' karta.

Fejn grupp ta' organizzaturi jixtieq ittella' daww id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'forma stampata, dan għandu jttella' d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha miġburin f'forma stampata sa mhux aktar tard minn xahrejn wara t-tmiem tal-perjodu ta' ġbir, u għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) iċ-ċittadini jistgħu jappoġġjaw inizjattivi onlajn permezz ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ billi jużaw mezzi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati jew jiffirmaw b'firma elektronika fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern;

(b) in-nodu tal-Kummissjoni e-IDAS żviluppat fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501 jkun rikonoxxut.

Artikolu 11

Sistemi ta' ġbir onlajn

1. Fejn grupp ta' organizzaturi ma jużax is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali, dan jista' jiġbor dikjarazzjonijiet ta' appoġġ onlajn f'diversi Stati Membri jew fl-Istati Membri kollha permezz ta' sistema ta' ġbir onlajn unika oħra ("is-sistema ta' ġbir onlajn individwali").

Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru onlajn, id-data li tinkiseb onlajn permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn għandha tinħażen fit-territorju ta' Stat Membru.

2. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jiżgura li s-sistema ta' ġbir onlajn tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4 u fl-Artikolu 17(3) tul il-perjodu tal-ġbir.

3. Wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva u qabel il-bidu tal-perjodu tal-ġbir, u mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali taħt il-Kapitolu VI tar-Regolament (UE) 2016/679, il-grupp ta' organizzaturi għandu jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih id-data miġbura permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn individwali tinħażen biex jiġi ċċertifikat li dik is-sistema tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4.

Fejn sistema ta' ġbir onlajn individwali tikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti, l-awtorità kompetenti għandha fi żmien xahar toħroġ ċertifikat għal dak l-effett skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jagħmel kopja ta' dak iċ-ċertifikat jew dawk iċ-ċertifikati disponibbli għall-pubbliku fuq il-websajt użata għas-sistema ta' ġbir onlajn individwali.

L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu iċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

4. Is-sistemi ta' ġbir onlajn individwali għandu jkollhom karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati biex jiżguraw tul il-perjodu tal-ġbir li:

(a) persuni fiżiċi biss ikunu kapaċi jiffirmaw dikjarazzjoni ta' appoġġ;

(b) l-informazzjoni provduta dwar l-inizjattiva tikkorrispondi mal-informazzjoni ppubblikata fir-reġistru;

(c) id-data tinġabar mill-firmatarji skont l-Anness III;

(d) id-data pprovduta mill-firmatarji tinġabar u tinħażen b'mod sigur.

5. Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha tadotta speċifikazzjonijiet tekniċi għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 4, skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 21.

Il-Kummissjoni tista' titlob parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netzwerke u l-Infurmazzjoni ('ENISA') fl-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemija fl-ewwel subparagrafu.

6. Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru permezz ta' sistemi ta' ġbir onlajn individwali, il-perjodu tal-ġbir jista' jibda biss ladarba ċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3 ikun inħareġ għal kull waħda minn dawk is-sistemi.

Artikolu 12

Verifika u ċertifikazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-Istati Membri

1. Kull Stat Membru (l-“Istat Membru responsabbli”) għandu jivverifika u jiċċertifika li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati miċ-ċittadini tiegħu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. Fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu ta' ġbir u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, il-grupp ta' organizzaturi għandu jippreżenta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, miġburin onlajn jew f'forma stampata, lill-awtoritajiet kompetenti msemija fl-Artikolu 19(2) tal-Istat Membru responsabbli.

Il-grupp tal-organizzaturi għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti biss meta l-għadd minimu ta' firmatarji stabbiliti fl-Artikolu 3 jintlaħaq minn din l-inizjattiva.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għandhom jintbagħtu lil kull awtorità kompetenti fl-Istat Membru responsabbli darba biss, bl-użu tal-formola stabbilita fl-Anness V.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, li ġew miġburin onlajn għandhom jiġu sottomessi permezz ta' formola elettronika standard disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni.

Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin f'format ta' karta kif ukoll għal dawk miġburin permezz ta' sistema ta' ġbir onlajn individwali għandhom jiġu ppreżentati separatament.

3. Il-Kummissjoni għandha tressaq id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġburin onlajn permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali kif ukoll dawk miġbura permezz f'format ta' karti u mtellgħin skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli.

Fejn grupp ta' organizzaturi ġabar id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ permezz ta' sistema ta' ġbir onlajn individwali, jista' jitlob lill-Kummissjoni biex tissottomettihom lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli.

Il-Kummissjoni għandha tissottometti dikjarazzjoni ta' appoġġ skont it-tieni sar-raba' subparagrafu ta' paragrafu 2, bl-użu tas-servizz għall-iskambju tal-fajls imsemmi fl-Artikolu 4(5).

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, jivverifikawhom fuq il-bażi ta' kontrolli adatti, li jistgħu jkunu bbażati fuq teħid ta' kampjuni b'mod każwali, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.

Fejn id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru onlajn kif ukoll f'forma ta' karta huma ppreżentati separatament, dak il-perjodu għandu jibda jiskorri meta l-awtorità kompetenti tkun irċeviet id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha.

Għall-għan tal-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, l-awtentikazzjoni tal-firém m'għandhiex tkun meħtieġa.

5. Fuq il-bażi tal-verifiki mwettqa, l-awtorità kompetenti għandha tiċċertifika l-ġhadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi għall-Istat Membru kkonċernat. Dak iċ-ċertifikat għandu jingħata, mingħajr ħlas, lill-grupp ta' organizzaturi, bl-użu tal-mudell stabbilit fl-Anness VI.

Iċ-ċertifikat għandu jispeċifika n-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi miġbura f'forma stampata u onlajn, inkluż daww miġburin f'forma stampata u mtella' skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3).

Artikolu 13

Il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni

Fi żmien 3 xhur minn meta jikseb l-aħħar ċertifikat previst fl-Artikolu 12(5) il-grupp ta' organizzaturi għandu jissottometti l-inizjattiva lill-Kummissjoni.

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jippreżenta l-formola mimlija kif stipulat fl-Anness VII flimkien mal-kopji, f'forma ta' karti jew fil-forma elettronika, taċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 12(5).

Il-formola stipulata fl-Anness VII għandha ssir disponibbli għall-pubbliku mil-Kummissjoni fir-reġistru.

Artikolu 14

Pubblikazzjoni u smiġ pubbliku

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva valida li għaliha nġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ġew iċċertifikati skont l-Artikoli 8 sa 12, din għandha tippubblika minnufih avviż għal dak l-għan fir-reġistru u tittrażmetti l-inizjattiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

2. Fi żmien tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva, il-grupp ta' organizzaturi għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-inizjattiva waqt smiġh pubbliku.

Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jorganizzaw is-smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. Rappreżentanti tal-istituzzjonijiet l-oħra u l-korpi konsultattivi tal-Unjoni, kif ukoll partijiet interessati, għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem fis-smiġh.

Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiżguraw rappreżentazzjoni bilanċjata tal-interessi pubbliċi u privati rilevanti.

3. Il-Kummissjoni għandha tkun rappreżentata fis-seduta f'livell xieraq.

Artikolu 15

Eżami mill-Kummissjoni

1. Fi żmien xahar mis-sottomissjoni tal-inizjattiva, il-Kummissjoni għandha tirċievi lill-grupp ta' organizzaturi f'livell xieraq biex tippermettilhom jispjegaw fid-dettall il-kwistjonijiet imqajma mill-inizjattiva.

2. Fi żmien ħames xhur wara l-pubblikazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 14(1), u wara s-smiġh pubbliku msemmi fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet finali legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li biġisiebha tiegħu, jekk se tiegħu azzjoni, u r-raġunijiet għalfejn se tiegħu jew mhux se tiegħu dik l-azzjoni.

Il-Komunikazzjoni għandha tiġi notifikata lill-grupp ta' organizzaturi kif ukoll lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni u għandha tiġi ppubblikata.

3. Il-Kummissjoni u l-grupp ta' organizzaturi jistgħu jinfurmaw lill-firmatarji dwar ir-rispons għall-inizjattiva skont l-Artikolu 17(2) u (3).

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

Artikolu 16

Trasparenza

Il-grupp ta' organizzaturi għandhom jipprovdu, għall-pubblikazzjoni fir-reġistru, kif jista' jkun il-każ fuq is-sit web tal-kampanja, informazzjoni dwar is-sorsi ta' appoġġ u finanzjament għall-inizjattiva li jaqbuż l-EUR 500 għal kull sponser.

Din l-informazzjoni għandha tkun aġġornata tal-inqas darba kull xahrejn matul il-perijodu bejn id-data ta' reġistrazzjoni u d-data li fiha l-inizjattiva tiġi sottomessa lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 13.

Artikolu 17

Komunikazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tqajjem kuxjenza pubblika dwar l-eżistenza tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u kampanji ta' informazzjoni, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni.

2. Għall-finijiet tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni rigward l-inizjattiva kkonċernata u soġġett għal kunsens minn firmatarju, l-indirizz elettroniku tiegħu jista' jinġabar minn grupp ta' organizzaturi jew mill-Kummissjoni.

Firmatarji potenzjali għandhom jiġu informati li d-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva mhux kundizzjonali fuq jekk jagħtux il-kunsens tagħhom biex jinġabar l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom.

3. L-indirizzi tal-posta elettronika ma jistgħux jinġabru bħala parti mill-formoli ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ. Madankollu, dawn jistgħu jiġu miġbura fl-istess ħin bħad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ sakemm ikunu pproċessati b'mod separat.

Artikolu 18

Il-protezzjoni tad-data personali

1. Ir-rappreżentant tal-grupp tal-organizzaturi għandu jkun il-kontrollur tad-data fit-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679. Fejn l-entità legali msemmija fl-Artikolu 5(7) tinħoloq, dik l-entità għandha tkun il-kontrollur tad-data.

2. Id-data personali pprovduta fid-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għandha tinġabar għall-iskop tal-operazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-ġbir u l-ħżin skont l-Artikoli 9 sa 11, għas-

sottomissjoni quddiem l-Istati Membri, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni skont l-Artikolu 12, u għall-verifiki ta' kwalità meħtieġa u analiżi statistika.

3. Il-grupp ta' organizzaturi u l-Kummissjoni Ewropea, skont kif ikun il-każ, għandhom jeqirdu d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ iffirmati għal inizzjattiva u kull kopja tagħhom mhux aktar tard minn xahar wara l-preżentazzjoni tal-inizzjattiva lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 13 jew 21 xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, skont liema minnhom tiġi l-aktar kmieni. Madankollu, fejn inizzjattiva tiġi rtirata wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u kull kopja tagħhom għandhom jinqerdu mhux aktar tard minn xahar wara l-irtirar.

4. L-awtorità kompetenti għandha teqred id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-kopji tagħhom kollha mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-ħruġ ta' ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 12(5).

5. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizzjattiva ta' ċittadini partikolari u kopji tagħhom jistgħu jinżammu wara l-limiti ta' żmien stipulati fil-paragrafi 3 u 4 jekk ikun meħtieġ għall-fini ta' proċedimenti legali jew amministrattivi relatati ma' inizzjattiva ta' ċittadini proposta. Huma għandhom jinqerdu mhux aktar tard minn xahar wara d-data ta' għeluq ta' dawn il-proċedimenti b' deċiżjoni finali.

6. Il-Kummissjoni u l-grupp ta' organizzaturi għandhom jeqirdu r-rekords tal-indirizzi elettroniċi miġbura skont l-Artikolu 17(2), mhux aktar tard minn, kif jista' jkun il-każ, xahar wara l-irtirar ta' inizzjattiva jew 12-il xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' ġbir jew mill-preżentazzjoni tal-inizzjattiva lill-Kummissjoni. Madankollu, fejn il-Kummissjoni tistabbilixxi, permezz ta' komunikazzjoni, l-azzjonijiet li biħsiebha tiegħu skont l-Artikolu 15(2), ir-rekords ta' indirizzi tal-posta elektronika għandhom jinqerdu sa mhux iktar tard minn tliet snin wara l-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni.

7. Bla ħsara għad-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001, il-membri tal-grupp ta' organizzaturi għandhom id-dritt li jitolbu li d-data personali tagħhom titneħħa mir-reġistru wara sentejn mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizzjattiva kkonċernata.

Artikolu 19

Awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-Istati Membri

1. Għall-fini tal-Artikolu 11, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli biex toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 11(3).

2. Għall-għan tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 8(12), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ ta' ċ-ċertifikati previsti fih.

3. Sal-1 ta' Jannar 2020, l-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet maħtura skont il-paragrafi 1 u 2. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe aġġornament ta' dik l-informazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet maħtura skont il-paragrafi 1 u 2 pubblikament disponibbli fir-reġistru.

Artikolu 20

Komunikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet speċifiċi li jadotta sabiex jimplimenta dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed dawn id-dispożizzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fir-reġistru fil-lingwa tal-komunikazzjoni mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1.

KAPITOLU IV

ATTI DELEGATI U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 21

Proċedura tal-kumitat

1. Għall-iskop tal-implementazzjoni tal-Artikolu 11(5), il-Kummissjoni għandha tkun mgħejjuna minn Kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 22

Setgħat delegati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 li jikkonċerna emendi għall-Annessi ta' dan ir-Regolament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 23

Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 22 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat, mid-[*data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġislaturi*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 22 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 22 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifikazzjoni ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma jkunux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 24

Rieżami

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi perijodikament il-funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn ħames snin mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

Artikolu 25

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

Referenzi għar-Regolament (UE) Nru 211/2011, għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 26

Dħul fis-seħħ u applikabilità

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill- L-Erbgħa, 1 ta' Jannar 2020.

Madankollu, l-Artikoli 9(4), 10, 11(5), u 19 sa 24 japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva**
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB**
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva**
- 1.4. Objettiv(i)**
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju**
- 1.7. Modalità/modalitajiet ta' ġestjoni ppjanat(i)**

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. **Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar**
- 2.2. **Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll**
- 2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet**

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- | | |
|-------------|--|
| 3.1. | Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati |
| 3.2. | Impatt stmat fuq in-nefqa |
| 3.2.1. | Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa |
| 3.2.2. | Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali |
| 3.2.3. | Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva |
| 3.2.4. | Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali |
| 3.2.5. | Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi |
| 3.3. | Impatt stmat fuq id-dħul |

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

“Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej”

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB³²

Titolu 18: Migrazzjoni u Affarijiet Interni

Titolu 25: Il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u l-konsulenza legali

Titolu 26: L-amministrazzjoni tal-Kummissjoni

Titolu 33: Il-Ġustizzja u l-Konsumaturi

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida**

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b’segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja³³**

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **l-estensjoni ta’ azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva:

L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) ġiet introdotta bit-Trattat ta’ Lisbona (l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) u ġiet implimentata permezz tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (Regolament IĊE) li daħal fis-seħħ f’April 2012.

L-IĊE għandha l-għan li ssaħħaħ l-involvement taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni Ewropea, billi tippermettilhom jindirizzaw direttament lill-Kummissjoni b’talba biex jissottomettu proposta għal att legali tal-Unjoni bl-għan li jiġu implimentati t-Trattati.

Ir-reviżjoni tar-Regolament IĊE wara l-ewwel ħames snin tal-applikazzjoni (permezz tas-sostituzzjoni tar-regolament attwali b’wieħed ġdid) hija parti mill-impenn tal-

³² ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

³³ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Kummissjoni Ewropea biex tiżdied il-leġittimità demokratika fl-UE permezz ta' aktar involviment u parteċipazzjoni taċ-ċittadini, b'mod li jiġu riflessi l-linji gwida politiċi tal-Kummissjoni Juncker u b'mod partikolari l-Prijorità nru 10 — Unjoni ta' Bidla Demokratika.

Il-proposta l-ġdida għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tal-IĊE billi tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fl-implimentazzjoni tagħha, bl-oġettivi ta' politika prinċipali li: (i) l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas ta' piż u aktar faċli biex jintużaw għall-organizzaturi u sostenitur (ii) jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-IĊE bħala għodda biex jitrawwem id-dibattitu u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell Ewropew u biex l-UE titressaq eqreb taċ-ċittadini tagħha.

L-implimentazzjoni tal-istrument tal-IĊE hija aktar imsemmija fil-Pjan Strateġiku 2016–2020, Oġettiv C.2 tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni: Unjoni Ewropea aktar demokratika u responsabbli li tiftaħ it-tfassil tal-politika u ssaħħaħ id-djalogu maċ-ċittadini, il-partijiet interessati u l-Parlamenti nazzjonali.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitàjiet AB M/ABB ikkonċernata/i*

Nri tal-oġettivi speċifiċi

L-Għan Nru 1: L-immaniġġjar effiċjenti tal-proċeduri amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u l-assistenza lill-organizzaturi;

L-Għan Nru 2: L-appoġġ tekniku lill-organizzaturi tal-IĊE u l-immaniġġjar ta' proġetti relatati mal-IT;

L-Għan Nru 3: Il-provvista ta' sistema ċentrali għall-ġbir onlajn ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għar-Reġistru tal-IĊE;

Oġettiv 4: L-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-organizzaturi tal-IĊE permezz ta' pjattaforma onlajn kollaborattiva għall-IĊE, ġestita f'kooperazzjoni ma' sieħeb estern:

L-Għan Nru 5: Il-promozzjoni tal-istrument tal-IĊE permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni;

L-Għan Nru 6: It-traduzzjoni tal-inizjattivi;

L-Għan Nru 7: L-organizzazzjoni ta' laqgħat mal-organizzaturi f'każ li jkunu mistiedna għalihom mill-Kummissjoni bħala parti mill-proċedura ta' eżami għall-inizjattiva ta' suċċess tagħhom.

Attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i

L-Għan Nru 1 jidħol fl-ambitu tat-Titolu 25: “Il-koordinazzjoni tal-politiki tal-Kummissjoni u l-konsulenza legali”.

L-Għan Nru 2 jidħol fl-ambitu tal-Kapitolu 26.03 “Servizzi lill-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, Negożji u Ċittadini”

L-Għanijiet Nru 3 u 4 jidħlu fl-ambitu tal-Kapitolu 18.04 “Trawwim ta’ Ċittadinanza Ewropea” u fl-ambitu tal-Kapitolu 26.03 “Servizzi lill-Amministrazzjonijiet Pubbliċi, lin-Negozji u liċ-Ċittadini”

L-Għanijiet Nru 5, 6 u 7 jidħlu fl-ambitu tal-Kapitolu 18.04 “Trawwim ta’ Ċittadinanza Ewropea”.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

Speċifika l-effetti li jenħtieġ li jkollha l-proposta/l-inizjattiva fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

1. Żieda fin-numru ta’ talbiet għar-reġistrazzjoni
2. Żieda fin-numru ta’ inizjattivi rreġistrati mill-Kummissjoni
3. L-iżgurar ta’ 12-il xahar sħiħ ta’ għbir onlajn għall-inizjattivi kollha
4. Żieda fin-numru medju ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġbura għal kull inizjattiva
5. Żieda fl-għadd ta’ inizjattivi li laħqu n-numru meħtieġ ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ
6. Żieda fl-għadd ta’ inizjattivi li huma soġġetti għal azzjonijiet ta’ segwitu mill-Kummissjoni
7. Żieda fis-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar l-istrument

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva.

Indikatur 1: Għadd ta’ talbiet riċevuti mill-Kummissjoni
Linja bażi 1: 13-il talba fis-sena bħala medja mill-2012
Indikatur 2: Ir-rata tal-inizjattivi rreġistrati
Linja bażi 2: Medja ta’ 70 % ta’ talbiet fuq 5 snin
Indikatur 3 a: Numru ta’ inizjattivi bl-użu tas-sistema ta’ għbir onlajn ċentrali.
Linja bażi 3a: 70 % tal-inizjattivi bl-użu tas-software u s-servers tal-Kummissjoni
Indikatur 3b: Dati ta’ ċertifikazzjoni ta’ sistemi ta’ għbir onlajn meta mqabbel mad-dati tal-bidu tal-għbir
Linja bażi 3b: Fil-medja, madwar xahar wara d-data tar-reġistrazzjoni għal sistemi miżmuma fuq is-servers tal-Kummissjoni
Indikatur 4: Numru ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġbura għal kull inizjattiva fi tmiem il-perjodu ta’ għbir ta’ 12-il xahar

Linja bażi 4: L-ebda ċifra eżatta mhi magħrufa mill-Kummissjoni, minbarra t-tliet inizjattivi ta' suċċess

Indikatur 5: Numru ta' inizjattivi ta' suċċess

Linja bażi 5: tliet inizjattivi f'ħames snin

Indikatur 6: Numru ta' inizjattivi soġġetti għal azzjonijiet ta' segwitu mill-Kummissjoni

Linja bażi 6: żewġ inizjattivi f'ħames snin

Indikatur 7 a: Riżultati ta' sħarriġ dwar l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar id-drittijiet tagħhom (Ewrobarometru)

Linja bażi 7 a: Skont ir-riżultati tal-Ewrobarometru Flash Nru 430 ta' Ottubru 2015, meta ġew mistoqsija jekk iċ-ċittadini tal-UE għandhomx id-dritt li jipparteċipaw f'inizjattiva taċ-Ċittadini, żewġ terzi ta' dawk li wiegħbu (66 %) wiegħbu b'mod pożittiv.

Indikatur 7b: Numru ta' ċittadini żammew ruħhom infurmati bil-posta elettronika dwar l-istrument/dwar inizjattivi ta' suċċess

Linja bażi 7b: Ma japplikax

Indikatur 7c: Numru ta' parteċipanti għal pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn

Linja bażi 7c: Ma japplikax

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil

Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involvement tal-UE

Din l-inizjattiva taqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 24 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

L-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej min-natura tagħha għandha dimensjoni tal-UE peress li tikkonċerna l-proċess tal-formulazzjoni ta' proposti għal att legali tal-Unjoni.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

L-Istrument tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, li ġie introdott mit-Trattat ta' Lisbona u sa operattiv abbażi tar-Regolament Nru 211/2011 mill-1 ta' April 2012.

Il-proposta l-ġdida tieħu post dan ir-Regolament.

L-esperjenza tal-ewwel ħames snin ta' implimentazzjoni tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej turi b'mod ċar li l-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-organizzaturi b'ħafna iktar appoġġ organizzattivi, tekniku u legali konkret sabiex ikunu jistgħu jmessu b'mod effiċjenti l-inizjattivi tagħhom.

Kien għalhekk li ġie vvalutat meħtieġ li l-organizzaturi jiġu offriti sistema ċentrali lesta li tippermetti l-ġbir onlajn ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, kif previst fil-proposta.

Għodod oħra tal-IT ta' apoġġ għall-IĊE jinkludu r-reġistru/sit web (diġà eżistenti u li għandu jiġi integrat fis-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali) u l-Pjattaforma kollaborattiva tal-IĊE (implimentata f'dan l-istadju permezz ta' Proġett Pilota tal-Parlament Ewropew), it-tnejn li huma previsti fil-proposta.

Ġie meqjus ukoll li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni jeħtieġ li jissaħħu sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini. Dispożizzjoni ġdida hija prevista fil-proposta.

Fid-dawl tal-ammont ta' xogħol marbut mal-implimentazzjoni tar-Regolament attwali dwar l-IĊE, in-numru ta' riżorsi umani allokat għaliha żdied b'mod sostanzjali matul dawn l-aħħar ħames snin. Dan in-numru mhux se jinbidel skont ir-Regolament il-ġdid.

1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa:

Il-proġetti tal-IT li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-IĊE u, b'mod partikolari, il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ onlajn kienu fil-passat appoġġjati mill-Programm ISA u huma appoġġjati issa mill-Programm ISA2.

Dawn il-proġetti jikkontribwixxu biex titjieb l-interoperabbiltà fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi u maċ-ċittadini u n-negożji tagħhom lil hinn mill-fruntieri.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

- ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill- 01/01/2019 sal-31/12/2019,
- segwita bi tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Modalità/modalitajiet ta' ġestjoni ppjanat(i)³⁴

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu ddelegati:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi li huma ħatru;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi pubblika;
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok aghi d-dettalji fit-taqsimha tal-"Kummenti".*

³⁴

Dettalji tal-modalitajiet ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

Kummenti

Kumment 1:

Hu nota għal skopijiet komparattivi, tal-appropriazzjonijiet baġitarji li ġejjin, li minnhom jibbenefika r-Regolament attwali dwar l-IĊE:

Għall-2017:

- 0.840 miljun taħt il-linja baġitarja tal-IĊE (18 04 01 02),
- 0.561 miljun taħt il-linja baġitarja tal-Programm ISA² (26 03 01 00)
- 0.500 miljun taħt Proġett Pilota “Teknoloġiji u għodod tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) ġodda għall-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE).” (25 01 77 04)

Għall-2018 (dawn l-appropriazzjonijiet baġitarji għadhom iridu jiġu kkonfermati fiż-żmien tal-adozzjoni tal-proposta leġiżlattiva preżenti):

- 0.740 miljun taħt il-linja baġitarja tal-IĊE (18 04 01 02),
- 0.560 miljun taħt il-linja baġitarja tal-Programm ISA² (26 03 01 00)

Kumment 2:

Innota li d-data tal-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid ma tistax f’dan l-istadju tkun ikkonfermata. L-informazzjoni li għandha x’taqsam mal-perjodu tal-bidu tista’ teħtieġ li tiġi adattata kif xieraq.

Kumment 3:

Innota li l-preparazzjonijiet relatati mal-istruttura tas-sistema ċentrali għall-ġbir onlajn ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ kif imsemmi taħt l-Għan Speċifiku Nru 3 hawn fuq għandhom jibdew diġà fl-2018 permezz tal-appropriazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2018 għar-Regolament attwali tal-IĊE.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ u r-rapportar huma żgurati mill-persunal tal-Kummissjoni skont ir-regoli eżistenti applikabbli għall-attivitajiet tas-Segretarjat Ġenerali u d-DĠ DIGIT.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)

In-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u attivitajiet ta' komunikazzjoni jistgħu jirriżultaw f'inqas parteċipazzjoni fl-istrument, b'hekk jitnaqqas in-numru ta' inizjattivi reġistrati u ta' suċċess kif imsemmi taħt il-punt 1.4.3.

In-nuqqas ta' sistemi effiċjenti ta' appoġġ tekniku u organizzattiv għall-organizzaturi jista' jirriżulta f'għadd iżgħar ta' inizjattivi ta' suċċess kif imsemmi taħt il-punt 1.4.3.

2.2.2. Tagħrif fuq it-twaqqif tas-sistema ta' kontroll intern

Kopert mis-sistemi ta' kontroll intern eżistenti tas-Segretarjat Ġenerali u d-DĠ DIGIT.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell tar-riskju ta' żbalji mistenni

Din l-inizjattiva x'aktarx li mhux se jkollha impatt fuq l-ammont globali stmat f'riskju u lanqas fuq l-ispiża tal-indikatur tal-kontroll. Kif imsemmi fir-Rapport ta' Attività Annwali SG 2016, l-ammont globali stmat fir-riskju fl-SG huwa ta' EUR 0 u l-ispiża tal-kontroll tal-indikatur (l-ispiża tal-kontroll/pagamenti) hija ta' 1,74 %.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

Ma japplikax

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru 1A Intestatura: "Kompetittività għat-tkabbir u l-impiegi"	Diff. ³⁵	minn pajjiżi tal-EFTA ³⁶	minn pajjiżi kandidati ³⁷	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	26 03 01 00	Differenzjata	IVA	IVA	LE	IVA

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru: 3 Intestatura: "Is-Sigurtà u ċ-Ċittadinanza"	Diff./Mhux diff. ³⁸	minn pajjiżi tal-EFTA ³⁹	minn pajjiżi kandidati ⁴⁰	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	18 04 01 02	Diff.	LE	LE	LE	LE
	33 02 01	Diff.	IVA	IVA	IVA	LE

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru: 5 Intestatura: "Nefqa amministrattiva"	Diff./Mhux diff. ⁴¹	minn pajjiżi tal-EFTA ⁴²	minn pajjiżi kandidati ⁴³	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju

³⁵ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

³⁶ L-EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³⁷ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

³⁸ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

³⁹ L-EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁴⁰ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

⁴¹ Diff. = Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

⁴² L-EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁴³ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

	25 01 01 01 01					
	25 01 02 11 01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
	25 01 02 11 02					
	26 01 01 01 01					

Linji baġitarji ġodda mitluba:

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...]Intestatura.....]	Diff./Mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[...][XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsimha għandha timtela bl-użu ta' spreadsheet dwar id-data tal-baġit ta' natura amministrattiva (it-tieni dokument fl-Anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fuq DECIDE għall-finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru: 1A	Intestatura: "Kompetittività għat-tkabbir u l-impiegi"
--	--------------	--

DĠ: DIGIT			Sena 2019	Sena 2020
• Appropriazzjonijiet operazzjonali				
Numru tal-linja baġitarja: 26 03 01 00	Impenji	(1)	0.620	0.110
	Pagamenti	(2)	0.310	0.420
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)		
	Pagamenti	(2a)		
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁴⁴				
Numru tal-linja baġitarja		(3)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ DIGIT	Impenji	=1+1a +3	0.620	0.110
	Pagamenti	=2 + 2a +3	0.310	0.420

⁴⁴ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (daww li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.620	0.110
	Pagamenti	(5)	0.310	0.420
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 1A tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.620	0.110
	Pagamenti	=5+ 6	0.310	0.420

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 3	Intestatura "Sigurtà u Ċittadinanza"
--	---------	--------------------------------------

DĠ: Segretarjat Ġenerali			Sena 2019	Sena 2020
• Appropriazzjonijiet operazzjonali				
Numru tal-linja baġitarja: 18 04 01 02	Impenji	(1)	1.085	1.385
	Pagamenti	(2)	0.814	1.310
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)		
	Pagamenti	(2 a)		
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁴⁵				
Numru tal-linja baġitarja		(3)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=1+1a +3	1.085	1.385

⁴⁵ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (daww li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

għad-DĠ Segretarjat Ġenerali	Pagamenti	=2+2a +3	0.814	1.310
-------------------------------------	-----------	-------------	-------	-------

DĠ: JUST			Sena 2019	Sena 2020
• Appropriazzjonijiet operazzjonali				
Numru tal-linja baġitarja: 33 02 01	Impenji	(1)	0.345	0.645
	Pagamenti	(2)	0.259	0.570
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)		
	Pagamenti	(2 a)		
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁴⁶				
Numru tal-linja baġitarja		(3)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għal DĠ JUST	Impenji	=1+1a +3	0.345	0.645
	Pagamenti	=2+2a +3	0.259	0.570

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	1. 430	2.030
	Pagamenti	(5)	1.073	1.880
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)		

⁴⁶ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawki li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	1.430	2.030
	Pagamenti	=5+ 6	1.073	1.880

Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/mill-inizjattiva:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	2.050	2.140
	Pagamenti	(5)	1.383	2.300
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)		
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	2.050	2.140
	Pagamenti	=5+ 6	1.383	2.300

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Sena 2019	Sena 2020
DĠ: Segretarjat Ġenerali			
• Riżorsi umani		0.828	0.828
• Nefqa amministrattiva oħra		0.070	0.070
TOTAL tad-DĠ Segretarjat Ġenerali	Appropriazzjonijiet	0.898	0.898

DĠ: DIGIT			
• Riżorsi umani		0.173	0.173
• Nefqa amministrattiva oħra			
TOTAL tad-DĠ DIGIT	Appropriazzjonijiet	0.173	0.173

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	1.071	1.071
--	-------------------------------------	-------	-------

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Sena 2019	Sena 2020
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1.25 FTE	1.25 FTE
	Pagamenti	1.25 FTE	1.25 FTE

3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

Indika l-oġġettivi u l-outputs ↓			Sena 2019		Sena 2020	
	OUTPUTS					
	Tip ⁴⁷	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 3						
Sistema ta' ġbir ċentrali & Reġistru għall-IĊE Żvilupp, manutenzjoni u appoġġ, infrastruttura	Software, infrastruttura, servizzi	1. 095	1	0.950	1	1.240
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3			1	0.950	1	1.240
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 4						
Pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn tal-IĊE Żvilupp, appoġġ, tħaddim u żamma tal-Pjattaforma, infrastruttura	Software, infrastruttura, servizzi	0.400	1	0.400	1	0.400
Subtotal għall-oġġettiv speċifiku Nru 4			1	0.400	1	0.400
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 5						
Komunikazzjoni u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni	servizzi	0.400	1	0.500	1	0.300
Subtotal għall-oġġettiv speċifiku Nru 5			1	0.500	1	0.300
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 6						
Traduzzjoni tal-inizjattivi rreġistrati	servizzi	0.050	100	0.050	100	0.050
Subtotal għall-oġġettiv speċifiku Nru 6			100	0.050	100	0.050
GĦAN SPEĊIFIKU NRU 7						
L-organizzazzjoni ta' laqgħat ma' organizzaturi ta' inizjattivi	Kuntratt dirett, servizzi	0.150	5	0.150	5	0.150

⁴⁷

L-outputs huma prodotti u servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: in-numru ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

Subtotal għall-obiettiv speċifiku Nru 7	5	0.150	5	0.150
KOST TOTALI		2.050		2.140

Ġustifikazzjoni għall-appropriazzjonijiet mitluba:

Obiettiv 3: Provvista ta' sistema ċentrali għall-ġbir onlajn tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u fir-Reġistru tal-IĊE:

Is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali hija previst b'mod espliċitu fil-proposta attwali. Għandha tiġi stabbilita u operata mill-Kummissjoni (l-Artikolu 10).

Hija ma kinitx prevista mill-ewwel Regolament IĊE li ppreveda biss li l-Kummissjoni tkun responsabbli għall-iżvilupp u ż-żamma ta' softwer għall-ġbir onlajn.

Ir-reġistru tal-IĊE onlajn huwa diġà stabbilit fl-ewwel Regolament IĊE u huwa previst li jkun miżmum taħt il-ġdid (l-Artikolu 4(3)).

Il-baġit relatat maż-żamma u l-iżvilupp ta' softwer għall-ġbir onlajn u tar-Reġistru IĊE jammonta fl-2017 għal EUR 685K, iffinanzjat parzjalment mill-linja baġitarja 26 03 01 00 tal-Programm ISA² (prinċipalment f'dak li jirrigwarda s-softwer tal-ġbir onlajn) u parzjalment mill-linja baġitarja tal-IĊE 18 04 01 02.

L-ammonti mbassra għall-implimentazzjoni tal-proposta attwali għall-fini ta' dan l-obiettiv jirriflettu l-eżitu tal-istudju dwar il-proċess tal-ġbir onlajn imwettaq mill-Kummissjoni fl-2017.

Obiettiv 4: L-appoġġ tekniku u organizzattiv għall-organizzaturi tal-IĊE ta' Pjattaforma onlajn kollaborattiva għall-IĊE, ġestita f'kooperazzjoni ma' sieħeb estern:

Fl-Artikolu 4(2) tagħha, il-proposta tipprevedi Pjattaforma onlajn kollaborattiva bħala għodda permanenti biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-IĊE. Il-Pjattaforma ma kinitx prevista mill-ewwel Regolament IĊE.

Skont ir-Regolament il-ġdid, il-Pjattaforma se teħtieġ iffinanzjar regolari. Il-baġit annwali propost huwa ta' EUR 400K kull sena li għandu jkopri l-ħidma tal-Pjattaforma f'kooperazzjoni ma' sieħeb estern, kif ukoll l-iżvilupp tal-IT, iż-żamma, l-appoġġ u l-infrastruttura.

Obiettiv 5: Il-promozzjoni tal-istrument IĊE permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni:

L-Artikolu 17 il-ġdid tar-Regolament propost jintroduċi obbligu għall-Kummissjoni Ewropea biex twettaq attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-eżistenza tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

Fl-2017, l-attivitajiet ta' komunikazzjoni huma ffinanzjati taħt il-linja baġitarja tal-IĊE 18 04 01 02 għandha total ta' approprjazzjonijiet ta' EUR 840K. Il-proposta tal-baġit għall-2018 tipprevedi EUR 740K għal-linja baġitarja tal-IĊE 18 04 01 02.

L-appropriazzjonijiet annwali proposti għal dan il-għan jammontaw għal EUR 500K fl-2019 u sussegwentement għal EUR 300 K kull sena.

Objettiv 6: Traduzzjoni tal-inizjattivi rreġistrati.

Il-proposta għar-Regolament il-ġdid IĊE tintroduċi t-traduzzjoni tal-inizjattivi fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE (l-Artikolu 4(4)) meta jiġu rreġistrati mill-Kummissjoni, ħaġa li ma kinitx prevista fir-Regolament attwali.

Il-baġit ta' EUR 50K għandu jippermetti t-traduzzjoni ta' sa 100 inizjattiva rreġistrata fis-sena.

Objettiv 7: L-organizzar ta' laqgħat mal-organizzaturi f'każ li jkunu mistiedna għalihom mill-Kummissjoni bħala parti mill-proċedura ta' eżami għall-inizjattiva ta' suċċess tagħhom.

Dawn l-appropriazzjonijiet għandhom jintużaw primarjament biex jirrimborżaw l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-organizzaturi meta jkunu mistiedna għal-laqgħa mal-Kummissjoni bħala parti mill-proċedura ta' eżami għal inizjattiva ta' suċċess. Kwalunkwe spejjeż oħra li jista' jkun hemm jikkonċernaw kull loġistika u provvista relatata.

3.2.3. *Stima tal-impatt fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

	2019	2020
--	------	------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali		
Riżorsi umani	1.001	1.001
Nefqa amministrattiva oħra	0.070	0.070
Total parzjali INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	1.071	1.071

Esterna INTESTATURA⁴⁸ 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali		
Riżorsi umani		
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva		
Total parzjali esterna INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali		

TOTAL	1.071	1.071
--------------	-------	-------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji

⁴⁸

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time

	2019	2020
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)		
25 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	4 FTE AD + 2 FTE AST	4 FTE AD + 2 FTE AST
26 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	0.25 FTE AD + 1 FTE AST	0.25 FTE AD + 1 FTE AST
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)		
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)		
10 01 05 01 (Riċerka diretta)		
• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full time: FTE)⁴⁹		
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")		
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet)		
XX 01 04 ss ⁵⁰	- fil-Kwartieri Ġenerali	
	- fid-Delegazzjonijiet	
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)		
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)		
Linji baġitarji oħra (speċifika)		
TOTAL	4.25 FTE AD + 3 FTE AST	4.25 FTE AD + 3 FTE AST

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk inhu meħtieġ ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jġestixxi skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Objettiv 1: Jimmaniġġjaw b'mod effiċjenti l-proċeduri amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-implimentazzjoni tal-inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u jipprovdu assistenza lill-organizzaturi; Objettiv 2: Joffru appoġġ tekniku lil organizzaturi tal-IĊE u jimmaniġġjaw proġetti relatati mal-IT.
Persunal estern	

⁴⁹ AC= Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; ENS= Espert Nazzjonali Sekondar; INT= Persunal tal-aġenzija; JED = Esperti Żgħażaġħ f'Delegazzjonijiet.

⁵⁰ Sublimitu massimu, għall-persunal estern kopert mill-approprijazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA")

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se teħtieġ programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-intestaturi tal-baġit konċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/inizjattiva ttipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet punti deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Totali
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma jkollha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵¹						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	niżżel kemm hemm bżonn snin biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għad-dħul mixxellanju “assenjat”, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[...]

⁵¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.